# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tal-hdax il-laqgha ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn, 16 ta' Mejju fil-5.00 pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Is-Sur Ronald Briffa |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Antoine Attard<br>Is-Sur Tony Formosa<br>Is-Sinjura Helen Montebello<br>Is-Sur Emmanuel Farrugia |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sur Michael Fenech Adami (Skuzat) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghal-hdax il-laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti is-Sur Ronald Briffa, s-Sur Antoine Attard, s-Sur Emmanuel Farrugia u s-Sur Tony Formosa u s-Sinjura Helen Montebello. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

1. **Talba**

   Il-Laqgha bdiet billi c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal it-talba.

2. **Korrezzjonijiet**

   Ma kien hemm l-ebda Korrezzjoni imqajjma mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys ghal minuti numru 10.

3. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 10**

   Il-minuti tal-ghaxar laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sinjura helen Montebello.

4. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

4.1 Dwar in-'Night Shelter' ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, qal li s-segretarju ghamel kuntatt mas-Sinjura Catherine Brincat mill-Ministeru tal-Onor. Mario Galea. Sar appuntament mal-Ministeru ghal nhar il-Hamis 19 ta' Mejju 2011 fil-hdax ta' filghodu, biex jigi diskuss il-possibilita li jsir dan in-'Night Shelter' u kif il-Gvern jkun jista jghin f' dan il-progett. Is-Sinjura Catherine Brincat talbet lic-chairperson is-Sur Ronald Briffa biex jiehu mieghu d-ddokumenti relevanti bhall permessi u pjanti tal-post propost ghal din il-laqgha.

4.2 Rigward il-kwistjoni tal-arbli tad-dawl il-membru s-sur Antoine Attard qal li kien iltaqgha mall-foreman is-sur David Bonanno u daru dawra biex jaraw fejn hemm arbli zejda li jistghu jitnehhew. Huwa iltaqgha wkoll ma' tal-Go plc u tal-Melita plc. Huma ghandhom jergaw jiltaqghu biex jitnehhew dawn l-arbli. Is-sur Antoine Attard ha il-karigu li jara li dan isir ghalkemm hemm xi residenti li oggezzjonaw ghall-fatt li ma' jridux 'wires' mal-faccatta.

4.3 Rigward il-progett tal-Bieb ta' Fleur-de-Lys ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa spjega li peress li hemm xi problemi fit-tmexxija tal-Kunsill ta' Santa Venera u izjed milli le ma jkunx hemm quorom biex il-laqgha ssir, id-dokumenti fejn l-ideja originalli li jinbena bieb il-Fleur-de-Lyd ghada ma gietx ipprezzentata u ghalhekk din il-kwistjoni ghada mhux in-line ma dak li kien mifthiem fil-passat. Is-Sur Anthony Formosa wissa lic-chairperson biex joqghod attent li din mhux xi loghba biex dan il-ftheim jisfaxxa fix-xejn. Ic-Chairperson qal li ghalkhemm hu ma jaqbilx mieghu huwa b'ghajnejh miftuhin li dan ma' jssirx. Il-laqgha li jmiss peress li hija it-tielet wahda li ma saritx tista ssir anka jekk ma jkunx hemm quorum.

4.4 Dwar it-tabelli tat-traffiku ta' hdejn l-iskola ta' Santa Monika s-segretarju qal li hu ghandu informazzjoni li kien hemm min oggezzjona li sinjali tat-traffiku jehlu ma' propjeta privata. Dak il-hin nzerta kien hawn is-Sur Lawrence Chetcuti, impjegat tal-Kunsill ta' Birkirkara, u bil-kariga ta Inspection Officer qal li huwa kellu jmur fuq il-post biex jara fejn l-ahjar jehlu dawn it-tabelli biex ma jkomplix jigu ivvandalizati jew milqutgha minn vetturi gholjin. Meta c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li kellu ilment fejn gie mitlub biex jersqu xi tabelli, is-segretarju qal li hu kien mghoti parir mill-Kumitat Kongunt biex kollox jibqa kif inhu.

4.5 Dwar il-kwistjoni tal-Konica, c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li s-segretarju ghandu korrispondenza fejn juru li l-affarijiet mixjin biex tinbidel ir-road alignment. Wara li jsiru in-'no objections' u titlesta il-procidura kollha ir-rizultat ikun li t-triq tibqa kif inhi.

4.6 Is-Sur Antoine Attard qal li fejn joqghod tal-gas hemm hafna hmieg hu hemm bzonn dawra. Kif kien prezenti s-Sur Antoine Attard fthiem mas-Sur Lawrence Chetcuti biex iduru dawra ma' Fleur-de-Lys u jaraw x'hemm bzonn isir.

4.7 Dwar l-allokazzjoni tal-fondi ghall-Kumitati Amministrattivi c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li hu talab gwida mid-dipartiment kif ghandu jirrispondi

ghal-mistoqsijiet mill-publika matul il-laqgha li sejra ssir nhar l-erbgha 18 ta' Mejju 2011 fis 7.00p.m. Is-Sur Pierre Mellak qallu li s-segretarju ghandu jkun prezenti biex jispjega hu wara li rceva kif din tinhadem. Is-segretarju qal li hu m'ghandu xejn f'idejh u ghalhekk ha tkun difficli biex hu jghati spjegazzjoni. Huwa zied jghid ukoll li anka l-accountant is-Sur Chris Vella tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, waqt il-lagha tal-approvazzjoni tal-finanzi tal-istess kunsill, fejn kienu prezent c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa u s-sur Anthony Formosa qal li l-kwistjoni tal-factoring kienert ghada mhux cara u jridu isiru aktar laqghat biex din il-problema tissolva.

4.8 Dwar din il-kwistjoni tal-*boundaries*. Ic-Chairperson is-Sur Ronald Briffa qal li hu l-unika risposta li kellu kienet li qed issir 'short listing'.

4.9 Rigward il-hsara li saret lill-akwadott wara habta b'vettura, s-Sur Antoine Attard kellem lil-perita tal-Ministeru tal-Onor.George Pullicino fejn din qalet hemm zewg alternativi. Jew jithalla kollox kif inhu jew jinghat ezemoju bih u jitwahhal multa. Is-sur Antoine Attard qal li dan huwa propjeta tal-Lands bhala bini skedat u ghalhekk jaqa responsabilta ta' dan id-dipartiment li jsiru dawn ix-xogholijiet. Ic-Chairperson is-Sur Ronald Briffa qal li huwa kellem lil certu Keith fejn gie infurmat li xoghol ta' manutenzjoni sejrin jibdew immedjatament.

4.10 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa rega' fakkar li huwa mportanti li jsiru laqghat bejn il-kumitat ta' Fleur-de-Lys u l-Kunsill ta' Santa Venera izda wiehed ghandu jkun kawt u dawn isiru meta l-affarijiet fil-kunsill ta' Santa Venera jittrangaw.

4.11 Ic-Chairperson is-Sur Ronald Briffa qal li meta staqsa fuq il-programm li jismu 'Sal-Misrah' dawn talbuh €800 biex Fleur-de-Lys jiehu sehem. Huwa jahseb li l-ispiza tkun kibira peress li hemm spejjes t'armar. Ghalhekk huwa qal li ghalissa din l-ideja ghanda tintesa.

4.12 Rigward 'Jum Fleur-de-Lys' u 'Gieh Fleur-de-Lys' ic-Chairperson is-Sur Ronald Briffa staqsa jekk dawn ghandhomx isiru f'jum il-festa. Il-Membri ma' qablux ma dan is-suggeriment ghax qalu li jintilef l-effett u li s-sajf mhux

zmien tajjeb biex taghmel dan ghax hafna nies ikunu villagettura jew ghal-btala tas-sajf.

4.13 Rigward 'Gieh Fleur-de-Lys' Is-Sur Emmanuel Farrugia qal li r-regolamenti dwar din ghandhom jigu diskussi u dan is-suggett ghandhu jitnizzel fl-agenda

4.14 Dwar it-trasport ghall-anzjani ic-chairperson is-sur Ronald Briffa qal li kif kien diskuss fil-laqgha ta' qabel wiehed ghandu jistenna il-mappa tar-rottot il-godda imhaddma mill-Arriva. Huwa staqsa s-segretarju biex fil-laqgha tal-publikku juri mappa tar-rottot ta' kif sa jahdem dan it-trasport. Huwa zied jghid li dalwaqt fuq il-mezzi tax-xandir ha tinghata spjeggazjoni ta' kif dan sejjer jahdem f' kull lokalita.

**5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.**

5.1 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li jixtieq jaghmel team tal-futbol ta' Fleur-de-Lys. Minn informazzjoni li ghandu L-MFA tghid li bilfors irid ikollok kunsill biex dan isehh, izda fil-kaz ta' Fleur-de-Lys dawn jistghu jinghaqdu mal-MAFA. Biex isir dan irid jinholoq statut.

5.2 Dwar il-magazine ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li ghalkhemm il-magazine kien ittardja, dan issa lest u ghandu jitqassam il-weekend li gej. Dawn ha jitqassmu mill-Kumitat.

5.3 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa wera x-xewqa li ghandha issir Notice Board ohra wara l-knisja hdejn tal-haxix.

5.4 Rigward spazzju li jinsab wara l-knisja li jista jintuza bhala-parking, Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li meta huwa avvicina l-kapillan dwar din l-ideja, dan irrisponda fin-negattiv.

5.5 Fl-ahhar net Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li l-kumitat ghandu jahdem biex dawk l'attivitajiet li ma sarux isiru.

**6. Aggornament**

Il-laqgha spiccat fis-7.00pm u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn, 23 ta' Gunju 2011, fil-5.00pm, fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Ronald Briffa | Is-Sur Arthur Pizzuto |
| Chairperson | Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv |